## EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

---

**Is-Sitt Sena** | **MALTI (Qari)** | **ĦIN: 15-il minuta**

---

Isem: ______________________________ Klassi: ________________

**A. Ikteb in-numru ta' l-oġġett fl-istampa ħdejn l-isem tagħhom fil-kaxxi bħal fl-eżempju:**




| | | |
|---|---|---|
| Eż: | kabina | 5 |
| | duħħan | |
| | kaptan | |
| | mewġ | |
| | qattus | |
| | tifel | |
| | injam | |

(3 marki)

**B.** **Għaqqad kolonna A ma' kolonna B bin-numri (Ara l-eżempju):**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Sebaħ jum sabiħ | | għand il-mekkanik. |
| 2. | Missieri ħa l-karozza | | żomm fih. |
| 3. | L-għalliema tatna | | jagħmel ħafna bard. |
| 4. | Bil-qatgħa li ħadet | 1 | u morna dawra. |
| 5. | Fil-kċina kien hemm | | x-xogħol għad-dar. |
| 6. | Kliem ix-xiħ | | ommi ssajjar. |
| 7. | Fix-xitwa | | saret safra mewt. |

(3 marki)

**Ċ.** **Immarka (X) taħt IVA jew LE fil-kaxxa ħdejn is-sentenzi:**

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| 1. | Fis-sajf it-temperatura tiffriska aktar. | | |
| 2. | Ommi u missieri iżgħar minni. | | |
| 3. | Il-kaċċa u l-insib huma namra. | | |
| 4. | Tnejn u tnejn jagħmlu sebgħa. | | |
| 5. | Il-Malti hu lsien Semitiku. | | |
| 6. | Il-qattus huwa annimal domestiku. | | |

(3 marki)

**D.** **Agħżel il-kelma t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha.**

1. il-kok (sajjar, tajjar, fajjar, ħajjar) l-ikel.
2. Il-mastrudaxxa (ħaseb, ħalef, ħadem, ħasel) l-għamara.
3. Il-(karozzi, ajruplani, roti, vapuri) jidħlu fil-port.
4. (Ħoss, Ħobb, Ħokk, Ħott) lil missierek u lil ommok.
5. Tista' tidfen (fid-, biċ-, fiċ-, bid-) ċimiterju.
6. Karozza għandha (erba', seba', disa', erbgħa) roti.

(3 marki)

E. Agħmel sinjal taħt il-kelma li ma taqbilx ma' l-oħrajn.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Mejju, | Diċembru, | Marzu, | Lulju, | Marija |
| 2. | dubbien, | ġibs, | friefet, | nemus, | nemel |
| 3. | id, | pitazz, | pinna, | ktieb , | karta |
| 4. | bejtiet, | bajtriet, | waqtiet, | Bankijiet, | libsa |
| 5. | pinzell, | għaxra, | sellum, | barmil, | żebgħa |
| 6. | tlieta, | sebgħa, | ħdax, | friex, | għoxrin |

(3 marki)

EŻAMI ANNWALI TA' L-SKEJJEL PRIMARJI

2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (Kitba) | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|



Isem ______________________

Skola ______________________

Klassi ______________________

Marki

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.

SANTA FJAKKA - *minn IL-BAWXATI TA' PIETRU PITRAVU*

*ta' Carmel G. Cauchi*



AQRA DIN IS-SILTA:

Ta' sikwit Pietru kien joqgħod jitlajja barra u jasal l-iskola tard. Malli s-Surmast kien jilmħu dieħel ikaxkar saqajh ma' l-art, bla għaġla ta' xejn, kien ifur bir-rabja. "Ħaffef, Pietru, ħaffef daqsxejn," kien jgħidlu, "kemm se ddum dieħel bis-santa fjakka kollha?" **(par. 1)**

Dan kien jiġri xi darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa u s-surmast kien dejjem jilqgħu bl-istess kliem. Imma din il-biċċa tas-santa fjakka dejjem ħawditu lil Pietru. **(par. 2)**

"Din Santa Fjakka min hi, Sir?" staqsa darba lis-Sur Borg. "Is-Surmast dejjem lilha jsemmili meta niġi tard." **(par. 3)**

"Il-qaddisa protettriċi tat-tfal li jmorru l-iskola tard," qallu s-Sur Borg bid-daħka. Iżda Pietru ma belagħhiex u għalih Santa Fjakka baqgħet misteru. **(par.4)**

Imbagħad, jum wieħed, ommu kienet tnaddaf il-kamra tal-bejt u ġo kaxxetta qadima sabet statwa tat-tafal, kerha daqs id-dlam. Qalet li kienet ta' bużnannitha u li l-familja tagħha dejjem żammitha b'għożża kbira. Kienet statwa ta' mara qasira u ħoxna, b'rasha kbira u wiċċha mfattar. Taħtha kellha dragun bi tlett irjus, u idejha kienu marbutin wara daharha ma' zokk ta' siġra. **(par. 5)**

"Dik min hi, ma?" staqsa Pietru hekk kif raha tfarfarha mit-trab.

"Jien ma nafx x'jisimha għax din statwa antika," wieġbet ommu. "Naf biss li dik qaddisa kbira li kien qatilha xi dragun."

"Qaddisa dik? Daqskemm hi kerha!" merieha Pietru.

"Ara ma ngħidlekx!" ħatfitu ommu, "dik flus kbar tiswa għax antika tabilħaqq." **(par. 6)**

U tassew li kellha bokka biha, għax poġġietha fuq l-ixkaffa tal-Madonna bix-xemgħa tixgħel quddiemha. **(par. 7)**

Imma għandkom tkunu tafu li dik ma kinitx tassew statwa ta' qaddisa. Kienet biss biċċa xogħol

ta' kafkaf ta' xi dilettant. Lanqas iż-żebgħa ma kienet mogħtija tajjeb għax kellha fuqha tiċlisa sħiħa ta' lwien jgħajtu. **(par. 8)**

Pietru kien iżjed jistħajjilha maskerun tal-karnival daqskemm kienet sfigurata. Imma din ta' bla isem ma setgħetx tinżillu. Għalhekk waħħal f'rasu li jsibilha isem hu. Ftakar f'Santa Fjakka, li tant kien isemmilu s-Surmast, u ta dan l-isem lil dik il-kruha ta' statwa.**(par.9)**

**A.** Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar is-silta li qrajt: (marka kull waħda)

1. Għaliex Pietru kien jasal l-iskola tard? (par. 1)

___

2. Kif kienet il-mixja ta' Pietru? (par. 1)

___

3. Kemm-il darba fil-ġimgħa Pietru kien jasal tard l-iskola? (par. 2)

___

4. Skond is-Sur Borg, ta' xiex kienet protettriċi Santa Fjakka? (par. 4)

___

5. Minn xiex kienet magħmula l-istatwa li sabet omm Pietru? (par. 5)

___

6. Ta' min kienet qabel l-istatwa? (par. 5)___

7. X'kienet taf omm Pietru fuq il-qaddisa? (par. 6)

___

8. Fejn poġġiet l-istatwa omm Pietru? (par. 7)___

9. Min kien għamel l-istatwa? (par. 8) ___

10. X'kien jistħajjilha Pietru din l-istatwa? (par. 9)___

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba: (marka kull waħda)



1. "Malli s-surmast kien **jilmħu**" (par. 1) - kien jilmaħ lil: Pietru
is-Sur Borg
il-purtinar
2. "**Ifur bir-rabja**" (par. 1) tfisser: ma jirrabjax
jirrabja ħafna
jirrabja ftit
3. "**Bis-santa fjakka**" (par. 1) jiġifieri: bil-purċissjoni
bil-għaġla
bil-mod ħafna
4. "**il-biċċa tas-santa fjakka dejjem ħawditu**" (par. 2) jiġifieri: dawritu
dardritu
ħassbitu
5. "**Imeri**" (par. 6) jiġifieri: jaqbel ma' xi ħadd
ma jaqbilx ma' xi ħadd
jgħid kontra li jgħid xi ħadd
6. "**Ta' kafkaf**" (par. 8) qed jgħid: għall-istatwa
għall-kaxxetta
għall-ixkaffa
7. "**Kellha bokka biha**" (par. 7) jiġifieri: kienet togħġobha ħafna
b'xejn ma kienet tridha
ma tafx x'se tagħmel biha
8. "Ilwien **jgħajtu**" (par. 8) jiġifieri: skuri ħafna
aktarx ċari
qawwijin
9. "Pietru kien **jistħajjilha**" (par. 9) jistħajjel lil xiex? lill-iskola
lill-istatwa
lil ommu
10. "Ma setgħetx **tinżillu**" (par. 9): lis-Surmast
lis-Sur Borg
lil Pietru

Ċ. Kompli l-frażijiet b'kelma li turi l-kwalita' tagħhom: (marka kull waħda)

*Eż: kerha dlam*

1. Iswed ___________________
2. Jaħraq ___________________
3. Tqil ___________________
4. Iebes ___________________
5. Ħelu ___________________

D. Sib mis-silta : (marka kull waħda)

*Eż. Kaxxetta ġejja mill-kelma kaxxa. (par. 5)*

1. **Skular** ġejja mill-kelma ___________ (par. 1)
2. **Misterjuż** ġejja mill-kelma _____________ (par. 4)
3. **Dragunara** ġejja mill-kelma ____________ (par. 5)
4. **Statwetta** ġejja mill-kelma ____________ (par. 5)
5. _____________ ġejja mill-kelma **maskra** (par. 9)

**E.** Imla l-vojt bil-verb li għandek fil-parentesi: (marka kull waħda)

1. Il-bieraħ it-tfal ______________ **(wasal)** tard l-iskola.
2. Il-ġimgħa l-oħra ommu ____________ **(naddaf)** il-kamra tal-bejt.
3. Pietru_____________**(ħawwad)** meta s-Surmast isemmilu 'l Santa Fjakka.
4. Għada ommu se________________ **(farfar)** l-istatwa mit-trab.
5. Illum l-istatwa ______________ **(sewa)** flus kbar.

**F.** Immaġina li inti bandla fi *playing field.* Ikteb ħames sentenzi dwar dak li tara madwarek u x'jagħmlu t-tfal meta jiġu jilagħbu: (10 marki)

1.______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________



2.______________________________

______________________________

3.______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4. ______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________

5. ______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________

Ġ. *Qadima* (par. 4) hu aġġettiv li jiddeskrivi l-kaxxetta ta' omm Pietru.
Agħmel sinjal taħt il-ĦAMES aġġettivi f'dis-sentenza: (5 marki)

Kienet statwa kerha ta' mara qasira u ħoxna, b'ras kbira u wiċċ imfattar.

G. Imla l-vojt skond kif mitlub fil-ġenb: (10 marki)

| | |
|---|---|
| 1. Kien ilu ____________________ ma joħroġ mid-dar. | L-għadd imtenni ta' **ġimgħa** |
| 2. L-istatwa _________________ sabiħa. | In-negattiv tal-verb **kienet** |
| 3. Fil-vaganzi l-_________________ ikunu magħluqin. | Il-plural miksur ta' **skola** |
| 4. L-Għid hu ______________ festa ta' l-insara. | Is-superlattiv ta' **kbir** |
| 5. Fix-xitwa ______________ kmieni. | Verb mill-għerq: **d - l - m** |
| 6. Il-mamaċ ________________ l-iskola kuljum. | Kelma waħda minn **twassal lili** |
| 7. Mario hu _____________ minn Robert. | Il-komparattiv ta' **twil** |
| 8. Il-ġiraffa mhix ____________ iljun. | Il-partiċella **bħal** kif suppost |
| 9. L-għalliem qal lit-tfal: " _______________ l-kotba". | L-imperattiv ta' **ħareġ** |
| 10. Orbot il-ħmar_______________________ ___________________________________ | Kompli dan il-qawl |

Għ. <u>Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti:</u> (25 marka)

1. Rajna film sabiħ ħafna.

2. Kompli dan ir-rakkont: *Darba morna passiġġata fil-kampanja maz-ziju Tony. . .*

3. L-aktar logħob li nħobb nilgħab.

4. Annimal jew annimali li għandna fid-dar.

5. Il-ħares l-għajjien. ( Uża dawn *l-istampi biex jgħinuk.)*

